TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 72/11

**Antoinette K. Calleja**

**vs**

**Homes By BDI**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrentI talbet rifużjoni ta' mitejn, u sebgħa u tletin ewro u ħamsin ċenteżmi (€273.50), rappreżentanti prezz ta' gwardarobba li kellha *stoppers* jidhru mal-ġenb tagħha.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, pero' m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat gwardarobba u mal-ġenb tagħha kien hemm diversi *stoppers* li jgħattu t-toqob u li skond l-istess rikorrenti dawn ma kinux hemm meta marru jaraw il-gwardarobba fix-*showroom.*

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub li dawn dejjem kienu hemm u li hekk hi magħmula din il-gwardarobba.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi din il-gwardarobba kienet hekk għarmata fix-*showroom*, pero' jidher illi fix-*showroom* ma ġewx notati dawn l-i*stoppers* li jistgħu jkunu ta' ċertu inkonvenjent fil-għajn.

Kif ukoll, it-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta u għalhekk ma kkontestatx din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**